

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors imressaq fil-11 ta' Lulju 2007 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-133/06)

(2007/C 223/32)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara l-ineżistenza *ex lege* jew, sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tal-31 ta' Awwissu 2005 li biha r-rikorrent talab lill-Awtorità tal-Ħatra (AH) sabiex jirkupra l-pussess tal-beni tiegħu, li kienu jinsabu fil-post ta' servizz li kien ingħatalu f'dak iż-żmien fl-Angola u li l-Kummissjoni kienet preċedentement ħadet pussess tagħhom *sine titulo*;
- tiddikjara l-ineżistenza *ex lege* jew, sussidjarjament, tannulla, safejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni ta' l-AH ta' l-20 ta' Lulju 2006, li biha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-konvenuta sabiex ir-rikorrent jirkupura mill-ġdid fil-pussess il-beni tiegħu;
- tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 1 000 000, jew kull somma oħra li l-Qorti tal-Prim'Instanza tqis li hija ġusta u ekwa, bħala kumpens għad-dannu li r-rikorrent ssubixxa minħabba d-deċiżjoni kkontestata, mid-data tat-talba tal-31 ta' Awwissu 2005 jew, sussidjarjament, mid-data li fiha nġhatat id-deċiżjoni kkontestata, sa llum;
- tordna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrent, għal kull ġurnata bejn illum u dik li fiha kull deċiżjoni inerenti mat-talba mil-qugħa, *in toto* u mingħajr eċċezzjoni tal-31 ta' Awwissu 2005 titwettaq mill-konvenuta, is-somma ta' EUR 300, jiġifieri s-somma li l-Qorti tal-Prim'Instanza tiddeċiedi li hija ġusta u ekwa, li għandha titħallas mill-ewwel ġuranta ta' kull xahar fir-rigward tad-drittijiet tiegħu fix-xahar ta' qabel, bħala kumpens għad-dannu submit mid-deċiżjoni kkontestata u l-mgħoddija taż-żmien immedjatament kif imsemmi iktar 'il fuq.
- tordna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tbatlha l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent iżid, in sostenn ta' l-argumenti tiegħu, it-tliet motivi segwenti ta' rikors:

- 1) nuqqas assolut ta' motivazzjoni, anki minħabba nuqqas ta' loġika, inkoerenza, konfużjoni u natura ta' pretest tar-raġunijiet mogħtija mill-konvenuta;
- 2) ksur tal-liġi ta' natura gravi evidenti u manifesta;
- 3) ksur ta' l-obbligu ta' premura u dak ta' amministrazzjoni tajba.

Rikors imressaq fil-10 ta' Lulju 2007 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-18/07)

(2007/C 223/33)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2005 li ħarġet mill-Iskema Konġunta ta' l-Assigurazzjoni kontra l-Mard tal-konvenuta, li peremzz tagħha l-konvenuta ħadhet it-talba tal-11 ta' Ottubru 2005, imressqa mir-rikorrent sabiex, skond l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u skond il-leġiżlazzjoni relatata mal-kopertura tar-riskji ta' mard ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, jiġi rikonoxxut li kien milqut minn marda gravi;
- tannulla, safejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra tat-30 ta' Novembru 2006, rif. ADMIN.B.2/MB/nb D(06) 27556, li permezz tagħha, u parzjalment in kwantu, ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent tat-23 ta' Awwissu 2006 u għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.